MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 329/2005

**Raymond Azzopardi (I.D. 327177 M)**

**Vs**

**Buxom Poultry Limited**

**Il-Qorti.**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta:

Peress illi s-socjeta' konvenuta xtrat u ordnat u sussegwentement gie mibjugh u kkonsenjat lilha numru ta' tigieg minn l-attur;

Peress li l-bilanc dovut lill-attur kwantu ghal berjgh u konsenja ta' tigieg kif hawn inghad illum huwa ta' sitt elef,

tmin mija u tnejn u tmenin lira Maltin (Lm6,882), liema somma hija dovuta lill-attur flimkien mal-imghax;

Peress li s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas lill-attur dan l-ammont, izda xorta wahda l-hlas baqa' ma sarx u b'hekk baqghet inadempjenti;

Peress illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma ta' l-attur, is-socjeta' konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talba tal-attur ghall-hlas tal-istess ammont;

Tghid ghalhekk s-socjeta konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-articoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' sitt elef, tmien mija u tnejn u tmenin lira Maltin (Lm6,882.00) rappresentanti prezz ta' tigieg mibjugh u kkonsenjat lill-istess konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghaxx legali kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi t-tilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------